**21 ta' Novembru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Carmela Bonello

*versus*

Ronald Dale

**Illeġittimità tal-persuna — "Liberatio ab observantia judicii" — Pubblika merkantessa — Attijiet tal-Kummerċ — Kunsens — Komunjoni ta' l-akkwisti — Art. 4 u 12, Kodiċi tal-Kummerċ — Art. 1362 u 1366, Kodiċi Ċivili.**

*Is-sempliċi ċirkostanza ġenerika illi mara tislef il-flus u tixtri u tbiegh id-deheb, mingħajr permess tal-Pulizija u mingħajr ma għandha ħanut ma jikkostitwux għal min jagħmilhom attijiet tal-kummerċ.*

*Huwa leċitu għal mara miżżewġa illi teżerċita l-kummerċ bil-kunsens espress jew taċitu ta' żewġha.*

*Il-kunsens tar-raġel jitqies dejjem mogħti meta l-eżerċizzju tal-kummerċ tal-mara ikun pubbliku u notorju, kemm-il darba r-raġel ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja b'att pubbliku reġistrat fil-Qorti tal-Kummerċ u pubblikat b'avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra.*

*Hija preżunzjoni legali illi dak kollu illi mara miżżewġa tippossjedi, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti.*

*Meta kawża ssir minn mara miżżewġa bl-awtorizzazzjoni jew assistenza ta' żewġha b'daqshekk żewġha qatt ma jsir parti fil-kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi — premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun; — billi l-attriċi silfet diversi ammonti ta' flus lil mart il-konvenut fl-ammont komplessiv ta' mitejn u tnejn u tletin lira (£232) u billi l-konvenut assuma u ipprometta li kellu jħallas dina s-somma però baqa' ma ħallasx — talbet illi l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira (£232) għal debitu inkors minn martu u minnu assunt, bl-interessi legali; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar tad-19 ta' Mejju, 1964;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi (1) preliminarment l-attriċi ma hix pubblika merkantessa u hija miżżewġa lil Victor Bonello u għalhekk mhix persuna leġittima biex tagħmel il-kawża; (2) mingħajr preġudizzju għall-premessa, l-eċċipjent ma jafx bis-self imsemmi fiċ-ċitazzjoni u qatt ma wiegħed li jħallas; (3) is-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni fil-fatt qatt ma ġiet mislufa; (4) in kwantu għall-mandat ta' impediment ta' safar u l-ispejjeż tiegħu msemmija fiċ-ċitazzjoni, l-eċċipjent huwa persuna ta' bastiment tal-gwerra tal-Maestà Tagħha r-Reġina u dan ma setax jiġi maħruġ kontra tiegħu;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li rigward l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attriċi sollevata mill-konvenut, għandu jiġi rilevat li mid-depożizzjoni tal-attriċi ma jidhirx li dina ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija pubblika merkantessa fis-sens tal-liġi, għaliex is-sempliċi ċirkostanza ġenerika li hija tislef il-flus u

tixtri u tbiegħ id-deheb, mingħajr permess tal-Pulizija, u mingħajr ma għandha ħanut, ma jikkostitwixxux għal min jagħmilhom, Attijiet ta' Kummerċ, b'mod speċjali meta dawna l-atti isolati jiġu magħmulin minn mara miżżewġa li tkun qegħda tgħix bil-mezzi li jpoġġilha għad-dispożizzjoni żewġha in kwantu hija tisserva b'dawk il-mezzi għall-għixien tal-familja, u okkorrendo, timpjega xi ħaġa minnhom f'operazzjoni sporadiċi, li jonqos fihom l-elementi tal-eżerċizzju, tal-kontinwità, tal-abitwalità rikjesti mil-liġi biex jistgħu jiġu kwalifikati bħala atti ta' kummerċ (art. 4 Kod. Kum. Sent P.A. "Salvina Cassar vs. Ronald William Dale" deċiża fit-8 ta' Frar, 1964).

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi ssostni li hija kienet tagħmel dana n-negozju bil-kunsens ta' żewġha, skond il-liġi tagħna infatti, huwa leċitu għal mara miżżewġha li teżerċita l-kummerċ bil-kunsens biss espress jew taċitu ta' żewġha. Il-kunsens tar-raġel jitqies dejjem mogħti, meta l-eżerċizzju tal-kummerċ tal-mara jkun pubbliku u notorju, kemm-il darba r-raġel ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja b'att pubbliku reġistrat fil-Qorti tal-Kummerċ u pubblikat b'avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta oħra (art. 12(1) u (2) Kodiċi Kum.). Jekk, imbagħad, il-kummerċ tal-mara hux pubbliku u notorju, hija kwistjoni ta' fatt rimessa għall-apprezzament tal-Qorti, li bħala regola ma toffrix diffikultà, bħal fil-każ in disamina (Kollez. XXXVII, iii, 941).

Ikkunsidrat:

Li s-self magħmul mill-attriċi mhux investit mill-elementi ġa fuq speċifikati, u għalhekk għandu jiġi kunsidrat bħala magħmul min mara miżżewġa li mhix kummerċjanti. Billi irriżulta lis-self sar waqt iż-żwieġ, il-kreditu relattiv jidħol fil-komunjoni tal-akwisti, la darba hija presunzjoni legali li dak

kollu li mara tipposjedi, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, jidħol fl-akkwisti (art. 1366(1) Kod. Ċiv.).

Ikkunsidrat:

Li minn dak li ntqal, tiddeiva l-konsegwenza li l-azzjoni għall-inkass tal-kreditu tikkompeti biss lir-raġel tal-attriċi bħala kap tal-komunjoni tal-akwisti (art. 1362 Kod. Ċiv.); u dana l-prinċipju jibqa' iseħħ anki kieku l-kawża saret bl-awtorizzazzjoni jew assistenza ta' żewġha, għaliex b'daqshekk żewġha qatt ma jsir parti fil-kawża (Kollez. XXVII, i, 121; III, i, 969; XXXVII, ii, 610).

Ikkunsidrat:

Li, fl-aħħarnett, il-Qorti tħoss li għandha tirrileva li ġeneralment dawna l-ispeċi ta' negozji jsiru mill-mara miżżewġa ad insaputa tar-raġel, li, għalkemm ma jistax ma jkunx jaf bihom, iżomm ruħu in disparte sakemm l-andament ta' dana t-traffiku ta' martu jibqa' miexi mingħajr xkiel, u anki b'ċerti vantaġġi ekonomiċi għalih, iżda meta xi operazzjoni ma tirnexxix allura r-raġel biex ma jieħux parti attiva fil-ġudizzju relattiv, jippermetti lil martu li tadixxi l-Qorti anki, okkorrendo, billi jikkwalifikaha improprjament u għall-okkażjoni, bħala "foemina mercatrix", biex tesiġi kreditu f'azzjoni li tikkompeti esklussivament lilu.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna sollevata mill-konvenut, u tillibera l-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.